MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2026

Appell Inferjuri Numru 98/2025 LM

**Kim Briffa d'Agostino (K.I. nru. 0121590M) u**
**Christian Briffa d'Agostino (K.I. nru. 555982M)**
*('l-ilmentaturi')*

***vs.***

**Mapfre Middlesea plc (C 5553)**
*('is-soċjetà intimata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell prinċipali magħmul mill-ilmentaturi **Kim Briffa d'Agostino (K.I. nru. 0121590M)** u **Christian Briffa d'Agostino (K.I. nru. 555982M)** [minn issa 'l quddiem 'l-ilmentaturi'], u magħmul ukoll b'mod inċidentali mis-soċjetà intimata **Mapfre Middlesea plc (C 5553)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Lulju, 2025,

[minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li ddeċieda kif ġej:

> *"Għar-raġunijiet hawn spjegati, dan l-ilment qed jiġi miċħud, u l-Arbitru jordna li kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.*
>
> *L-Arbitru jagħmilha ċara li din id-deċiżjoni hija bla preġudizzju dwar jekk l-ilmentatur kellux tort u huwiex responsabbli għall-isplużjoni li kkawżat l-inċident."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni odjerna tittratta talba min-naħa tal-ilmentaturi sabiex is-soċjetà intimata (hawnhekk 'il-Fornitur tas-Servizz' jew 'is-soċjetà intimata') tagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkawżati fuq dgħajsa ta' terzi waqt li Kim Briffa d'Agostino kien qiegħed jagħmel xogħol bħala *refrigeration technician,* u dan wara li s-soċjetà intimata irrifjutat li tagħmel tajjeb għal dawn il-ħsarat.

**<u>Mertu</u>**

3. L-ilmentaturi spjegaw li huma kellhom polza tal-assikurazzjoni tat-tip '*Public Liability Policy*' maħruġa mis-soċjetà intimata, li kienet tkoprihom fiż-żmien meta seħħ l-imsemmi inċident. Spjegaw kif fis-7 ta' Settembru, 2023, seħħ inċident abbord *cabin cruiser* ta' terzi waqt li kien qiegħed isir xogħol fuqu minn Kim Briffa d'Agostino, fejn seħħet splużjoni li kkaġunat ħsara li għaliha l-assikuratur tal-klijent tal-ilmentaturi ħallas kumpens ta' €70,000. L-assikuratur ta' dan it-terz interpella permezz ta' ittra uffiċjali lil Kim Briffa d'Agostino għall-ħlas tad-danni. L-*insurance broker* tal-ilmentaturi informa lis-soċjetà intimata b'dan l-inċident u l-*claim* infetħet fil-11 ta' Settembru, 2023. Wara

korrispondenza bejn il-*broker* u s-soċjetà intimata, din tal-aħħar ħadet id-deċiżjoni li l-*claim* ma kienitx ser tiġi onorata għaliex il-polza ma kienitx tkopri r-riskji li wasslu għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. L-ilmentaturi sostnew li fil-prinċipju, *public liability policy* għandha tkopri l-ħsara li tiġi kkaġunata lil terzi, u li l-polza li kellhom huma kellha tkopri ħsara fuq oġġetti li jkunu *in the care, custody and control of the insured* sa valur ta' €250,000. L-ilmentaturi saħqu li għalhekk il-polza li kellhom, kellha tkopri dan l-inċident, għaliex meta dan seħħ, il-*cabin cruiser* in kwistjoni kienet fil-kontroll u fil-kustodja ta' Kim Briffa d'Agostino. Kien għalhekk li huma resqu quddiem l-Arbitru fejn talbuh jordna lis-soċjetà intimata tagħmel tajjeb għal kull darba li huma nstabu li kienu obbligati jagħmlu tajjeb għall-assikurazzjoni tal-klijent tagħhom, ossija tas-sid tal-*cabin cruiser,* għaliex kienu qegħdin jiġu mhedda li ser jittieħdu passi legali kontra tagħhom.

4. Is-soċjetà intimata saħqet li l-polza in kwistjoni ma kienitx tkopri l-inċident li dwaru saret il-*claim.* Qalet li l-polza kienet tkopri ħsarat lil terzi u mhux lid-dgħajsa li fuqha kien qiegħed isir ix-xogħol, u li meta ħarġet il-polza oriġinarjament, lura fis-sena 2000, il-*broker* ta' dak iż-żmien kien infurmat li, *"Our public liability (PL) policy excludes any liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity. This means that with a PL policy the proposer is not covered for any liabilities in consequence of his works."* Żiedet tgħid li kien tramite dan il-*broker,* li l-ilmentaturi kienu ġew imwissija li ma kienx jagħmel sens li jkollhom polza b'kopertura li teskludi wkoll ix-xogħol li kienu jagħmlu, u għalhekk kien ġie ssuġġerit lilhom li jieħdu polza li tkopri l-*malpractice.* Is-soċjetà intimata tgħid illi li kieku l-ilmentaturi aċċettaw li jixtru polza li tkopri l-*malpractice endorsement,* din kienet tkopri wkoll ix-xogħol li

kienu qegħdin jagħmlu, iżda l-*broker* ta' dak iż-żmien m'aċċettax l-offerta li saritlu biex ikollu kopertura aktar wiesgħa, u għalhekk l-inċident in kwistjoni ma jirriżultax li huwa kopert bil-polza kif inxtrat. Is-soċjetà intimata spjegat li l-argument li tqajjem li l-esklużjoni msemmija minnha ma tapplikax għaliex l-ilmentatur ma kienx qiegħed jippresta servizz professjonali, ma treġix għaliex din l-esklużjoni ma tirrigwardax professjonisti iżda servizzi li jkunu qegħdin jingħataw f'kapaċità professjonali, u li ma jistax jiġi argumentat li Kim Briffa d'Agostino ma kienx professjonali f'xogħlu, għaliex altrimenti huwa ma kienx jidħol għal dan ix-xogħol. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li meta nxtrat il-polza, kollox kien spjegat b'mod ċar, u li kien id-dmir tal-*broker* li jfiehem lill-klijent tiegħu x'kien u x'ma kienx kopert bil-polza. Qalet li l-*Endorsement Number 06/2020* (il-polza in kwistjoni) tkopri biss oġġetti li jkunu *under care, custody and control,* iżda ma tkoprix oġġetti li jkun qiegħed isir xogħol fuqhom, u li jkun hemm bżonn *extension* oħra ta' *malpractice* għal dan il-għan. Qalet ukoll li jkun frivolu li jingħad li kien hemm xi dewmien fl-ipproċessar tal-*claim,* li kien ekwivalenti għall-aċċettazzjoni taċita tal-*claim* li ppreġudikat il-pożizzjoni tal-ilmentaturi. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li f'każ li Kim Briffa d'Agostino jaħseb li għandu xi drittijiet dwar każ ta' '*mis-selling'* tal-polza, dan l-ilment għandu jiġi indirizzat lill-*broker* fil-kapaċità tiegħu ta' aġent tiegħu stess, u li dan kellu d-dover ifiehmu x'kien kopert u x'kien eskluż. L-intimata qalet ukoll li s-sid tal-*cabin cruiser* u l-assikuratur tiegħu mhumiex parti minn dan l-ilment.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. L-Arbitru, fid-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Lulju, 2025, iddeċieda li t-talbiet tal-ilmentaturi m'għandhomx jiġu milqugħa, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Osservazzjonijiet u Analiżi***

*Il-polza in kwistjoni hija* 'Public Liability Insurance Policy' *maħruġa mill-Fornitur tas-Servizz li, fost oħrajn, l-għan tagħha huwa li:*

*"...* indemnify the Insured against:

1. All sums which the Insured shall become legally liable to pay for compensation in respect of
    a) Accidental bodily injury to or illness of any person
    b) Accidental loss of or damage to material property occurring within the Situation of Risk shown in the Schedule during the continunance of this Policy and in connection with the Business ...". (*fn. 32: p. 30)*

*Bħal kull polza oħra tal-assigurazzjoni,* Public Liability Insurance Policy *tiġi b'xi eċċezzjonijiet, fejn il-kopertura offruta ma tapplikax.*

*Mix-xhieda mressqa u mid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet konċernati, iż-żewġ eċċezzjonijiet, jew aħjar esklużjonijiet in kwistjoni f'dan il-każ, huma:*

*"*Exceptions

This Policy shall not apply to:

...

3.0 Liability in respect of loss or damage to any property belonging to or in the custody, charge or control of the insured.

...

9.0 Liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity.

...". (*fn. 33: p. 31-32)*

*L-istess bħal f'kull polza oħra, il-persuna assigurata, f'dan il-każ, l-ilmentatur, kellu l-għażla ta'* 'buying back' *xi esklużjoni permezz ta' Extension/Endorsement, fejn, a bażi tal-*Policy Schedule *(fn. 34: p. 45-48) tal-perijodu tal-polza ta' bejn is-7 ta' Mejju, 2023 u s-6 ta' Mejju, 2024, l-ilmentatur kellu, fost* Endorsements *oħrajn:*

*"Endorsement 6/2020*

***Property in the Charge or Control of the Insured***

*It is hereby declared and agreed that the indemnity provided by the Policy is deemed to be extended to cover goods held in the care, custody and control of the insured, up to a limit of €250,000 any one loss and in the aggregate.*

*Subject otherwise to the terms, exceptions, conditions and limitations of this policy. ..." (fn. 35: p. 29)*

*Evidentement, minkejja din l-estensjoni għall-polza, it-termini, kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u esklużjonijiet oħrajn, xorta waħda kienu għadhom japplikaw.*

*Dan huwa każ fejn l-ilmentatur qed jisħaq li minħabba li din l-estensjoni kkwotata hawn fuq kienet tifforma parti mill-polza li hu kellu, fil-ħin tal-inċident il-*cabin cruiser *kienet fil-*'care, custody and control' *tiegħu u, għaldaqstant, għandu jiskatta l-operat tal-polza.*

*Kif diġà saret referenza aktar kmieni, huwa diżappuntanti li żewġ rappreżentanti tal-Fornitur tas-Servizz taw interpretazzjoni differenti għall-kopertura tal-*'care, custody and control'*. Tant hu hekk li, minkejja li ma ngħatat ebda spjega addizzjonali dwar id-differenza preċiża ta' bejniethom, Clayton Farrugia xehed li:*

"Mistoqsi jekk inix ngħid li hemm żewġ tipi ta' Endorsements: waħda li hija 'Property in the Charge or Control of the Insured' u waħda li hija 'Property in the Charge or Control of the Insured (whilst being worked upon), ngħid li iva, hemm żewġ Endorsements'". (*fn. 36: p. 97).*

*Skont il-*Policy Schedule *(fn. 37: p. 45-48) applikabbli fil-mument tal-inċident, l-*Endorsement *li l-ilmentatur kellu kienet 06/2020 –* Property in the Charge or Control of the Insured*. (fn. 38: p. 46).*

*Għaldaqstant, minkejja d-dikjarazzjoni ta' Clayton Farrugia dwar iż-żewġ* Endorsement*s, u l-interpretazzjoni differenti għall-kopertura ta'* 'care, custody or control', *l-ebda waħda minn dawn l-interpretazzjonjiet ma toffendi l-argument li l-*extension *li l-ilmentatur kellu ma kienitx tkopri opri li jkun qed isir ix-xogħol fuqhom u, għalhekk, l-inċident in kwistjoni xorta ma kienx kopert taħt il-polza li l-ilmentatur kellu minħabba li din ma tkoprix '*Liability in respect of treatmennt or services rendered in a professional capacity'.

*F'dan ir-rigward, Ramon Mizzi tal-AIB stqarr li:*

"... ma qbiltx mal-pożizzjoni li kienu qed jieħdu huma għar-raġuni li huma kienu qed jinvokaw exclusion fil-policy li kienet tappartjeni għal dak li aħna ngħidulu 'Professional Risks', li bażikament din hija l-exclusion li ssib f'Public Liability Policy għal min ikun qed jagħmel xogħol ta' natura professjonali illi dak ix-xogħol irid jiġi kopert bi Professional Indemnity Policy." *(fn. 39: p. 78)*

*Dwar dan, Clayton Farrugia, f'isem il-Fornitur tas-Servizz, spjega li:*

*"...* il-polza tipprovdi biċ-ċar li hija intiża sabiex tagħmel tajjeb għar-riskji pubbliċi jew aħjar ir-riskju li wieħed jaħdem barra jista' iġib b'għemilu lin-nies li jkunu għaddejjin bil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Iżda teskludi speċifikament ir-riskju riżultanti mix-xogħol ta' dak li qed irendi s-servizz – u dan sempliċiment għax dan ir-riskju huwa wisq speċfiku u jista' jkun ukoll wisq kbir sabiex jiġi trattat taħt 'Public Liability' u fis-suq tal-assigurazzjoni hemm klawżoli intiżi sabiex ikopruh speċifikament.

... Għal dan il-għan speċifiku, fejn il-persuna tkun 'professjonista' (bħala nies ta' skola terzjarja), teżisti polza oħra u ċioe il-Professional Indemnity, filwaqt li fil-każ ta' mechanics u technicians li jagħtu servizz professjonali imma mhumiex meqjusa bħala 'white collar professionals' jeżistu l-extensions għall-kopertura tagħhom skont in-natura tax-xogħol ikkonċernat." *(fn. 40: p. 85)*

*L-Arbitru ma jaqbel xejn mal-argument imressaq minn Ramon Mizzi li din l-esklużjoni partikolari ma tapplikax għax il-klijent tiegħu, jiġifieri l-ilmentatur, ma kienx professjonist. Ma kienx biss Ramon Mizi li rrefera għal dan iżda sar ukoll enfasi partikolari fis-sottomissjonijiet finali mressqa mill-ilmentatur. Huwa minnu li kieku kien professjonist (fis-sens tradizzjonali ta'* white collar professional*) kienet tinħareġ Professional* indemnity policy*, iżda kif spjega Clayton Farrugia, għal xogħol ta'* technician *bħalma kien jagħmel l-ilmentatur, il-*Public Liability policy *setgħet tiġi estiża biex tkopri affarijiet aktar minn sempliċiment ħsara lil terzi li ma jkollhom x'jaqsmu xejn max-xogħol li jkun qed isir, la bħala* technician *u lanqas bħala s-sid tal-opra li fuqha jkun qed isir ix-xogħol.*

*L-Arbitru huwa tal-fehma li, kieku mhuwiex hekk, ma kienx ikun hemm skop għall-*extension *fir-rigward tal-kopertura għal servizzi li jkunu qed jingħataw fuq bażi professjonali. U, fuq kollox, kieku l-ilmentatur ma kienx professjonanli f'xogħlu, kif kien jiġi mqabbad minn nies oħra, bħal sid il-*marine craft *in kwistjoni, biex joffri s-servizzi tiegħu?*

*Fis-sottomissjonijiet finali ppreżentati, ġie argumentat li l-attività li kienet qed issir mill-ilmentatur fil-ħin tal-inċident, "...* ma kinitx li tink(w)adra bħala 'attività professjonali', ... iżda kienet attività ta' natura purament teknika." (*fn. 41: p. 119)*

*Intqal ukoll li,* "Din id-distinzjoni qiegħda ssir għaliex attività professjonali, għal finijiet ta' din l-esklużjoni, għandha tinvolvi attività bi grad ta' ħila, ġudizzju u għarfien speċjalizzat; livell li ċertament mhuwiex rikjest meta wieħed jesegwixxi eżerċizzju tekniku ta' natura mekkanika jew manwali." (*fn. 42: Ibid.)*

*Hawn l-Arbitru jistaqsi, allura, li tkun* mechanic, engineer *jew* electrician*, ifisser li ma tkunx twettaq attività ta' ħila, ġudizzju u għarfien speċjalizzat? Anke jekk teknikament,* mechanic, engineer, technician, *eċċ, mhux konsiderat bħala professjonist tradizzjonali, ċertament li xogħolhom jikkwalifika bħala attività professjonali.*

*Kif stqarr l-ilmentatur stess:*

"**Nikkonferma li jien għandi kwalifiki biex nagħmel dan ix-xogħol. Ngħid li għandi Diploma in Heavy Plant and Operational Maintenance. Dak wieħed mill-kwalifiki li għandi u għandi wkoll liċenzja. Ngħid li għandi diversi kwalifiki u għandi s-sengħa ta' technician. Ngħid li dan huwa x-xogħol professjonali tiegħi."** (*fn. 43: p. 90)*

*Fir-rigward ta' din l-esklużjoni jew inkella l-kopertura in ġenerali, l-Arbitru huwa tal-fehma li, f'dan il-każ, li jħoll u jorbot huwa l-fatt li qabel ma sar il-kuntratt oriġinali tal-polza f'April 2020, il-Fornitur tas-Servizz kien għamilha ċara lill-*broker *ta' dak iż-żmien li l-*Public Liability policy *fil-fatt teskludi* "Liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity."

*Kien intqal b'mod ċar ħafna li:*

"This means that with a PL policy, the proposer is not covered for any liabilities arising in consequence of his works. It does not seem to make sense to issue stand-alone PL policy if it is not covering him during his works (I am assuming that the marina wants him to have a PL insurance in case something goes wrong while he is working on a boat). Can the client clarify to us what the marina is asking him exactly? And for what he needs to be covered? What we can suggest is to have malpractice extension under the PL Policy however we first need to know what the marina wants exactly." (*fn. 45 – Ibid.)*

*Erbat ijiem wara, il-Fornitur tas-Servizz kien reġa' staqsa lill-*broker *konċernat:*

*"*Shall we include the products liability extension for an additional premium of €100?" (*fn. 46: p. 69)*

*Għal dan, il-*broker *speċifikament irrisponda fin-negattiv u evidentement juri li l-intenzjoni tiegħu, jew tal-ilmentatur, kienet biss biex ikollu fis-seħħ l-inqas kopertura*

*ta'* Public Liability *possibbli sabiex din tissodisfa dak li kienet qed titlob il-marina biex tippermetti* technicians *jaħdmu fuq opri tal-baħar li jkunu fl-istess marina.*

*Kif diġà saret referenza aktar kmieni, fl-Affidavit sottomess, l-ilmentatur stqarr li fis-sena 2023 kien għamel eżerċizzju sabiex jikseb kopertura li tirrigwardja lil terzi b'konnessjoni mal-attività tax-xogħol tiegħu, tkellem ma' ħuh li kien ukoll jaħdem f'dan l-istess xogħol, u meta dan tal-aħħar tkellem mal-*broker *tiegħu, ġie deċiż li hu jingħaqad mal-polza ta' ħuh li kien diġà kellu polza li kien qed ifittex l-istess ilmentatur.*

*L-Arbitru huwa tal-fehma li n-nuqqas jidher li kien f'dan il-punt, jiġfieri, meta l-ilmentatur iddaħħal bħala* additional assured *fil-polza ta' ħuh, fejn il-*broker *jidher li ma spjegax lill-ilmentatur x'kien inkluż f'din il-polza eżistenti u x'kien eskluż. Fil-fatt, mhuwiex ċar għalfejn sar dan minflok ġiet offruta polza separata għall-ilmentatur.*

*Jidher li d-deċiżjoni li l-ilmentatur jiġi inkluż fil-polza ta' ħuh kienet deċiżjoni tal-*broker*, iżda, f'dan l-istadju, lanqas hu ċar jekk kienx l-AIB jew inkella l-*broker *ta' qablu. Fix-xhieda tiegħu, Ramon Mizzi stqarr, (fn. 47: p. 77) però li, huma daħlu fix-xena meta l-ilmentatur kien diġà inkluż fil-polza.*

*Waqt kontroeżami, l-ilmentatur stqarr li:*

"... meta avviċinajt il-broker spjegajtlu x-xogħol li nagħmel u għidtlu li għandi bżonn il-kopertura.

Mistoqsi x'kopertura tlabtu, ngħid li jien ma tlabtux għax, kif għidt, mhix il-linja tiegħi. Illum il-ġurnata naf xi tfisser ovvjament b'dak kollu li ġara – public liability u x'semmejtu. Dak iż-żmien just tlabtu polza tal-assigurazzjoni u that's it.

Mistoqsi xi spjegali dwar il-polza tal-assigurazzjoni li għandi bżonn, ngħid li għandi public liability li għandha tkopri l-operat. Illum il-ġurnata naf li ma jkoprix ix-xogħol tal-idejn. Imma ma nafx eżatt.

Mistoqsi jekk spjegalix li kelli options li stajt inżid il-kopertura fejn ikun hemm affarijiet li mhumiex koperti, li stajt inżid u nnaqqas, ngħid li le; biss, però, kif tafu, polza ġdida fuq qatt ma ħarġet. Jiena dħalt ma' ħija, issa għal liema raġuni ma nafx." (*fn. 48: p. 89-90)*

*L-Arbitru huwa tal-fehma li jekk l-ilmentatur qed jargumenta li xi ħadd naqsu li ma spjegalux sew x'kien u x'ma kienx kopert għalih meta ġie inkluż fil-polza ma' ħuh, allura, dan l-argument żgur li m'għandux jiġi indirizzat lill-Fornitur tas-Servizz iżda lill-*broker *konċernat li sempliċiment daħħlu fil-polza ma' ħuh mingħajr spjegazzjoni xierqa.*

*Huwa prinċipju aċċettat li meta jkun hemm* broker *li jirrappreżenta lill-assikurat, l-assikuratur, f'dan il-każ il-Fornitur tas-Servizz, jitkellem mal-*broker *u mhux direttament mal-assikurat fl-assenza tal-*broker. *Kien min kien il-*broker*, meta l-ilmentatur ġie inkluż bħala* co-insured *fil-polza, kellu l-obbligu li jfiehem lill-ilmentatur x'kienu r-riskji koperti u/jew esklużi fil-polza.*

*Il-Fornitur tas-Servizz ma kellux l-obbligu li jiżgura li l-*broker *għamel dan u qeda dmiru anke lejn il-*co-insured *il-ġdid.*

*Mill-banda l-oħra, l-argument tal-Fornitur tas-Servizz li ma tistax toffri s-soluzzjoni mitluba, dejjem jekk il-każ jinqata' kontriha, għax il-proprjetaru tal-*cabin cruiser *u l-assikuratur tiegħu mhumiex parti minn dan l-ilment, hija wkoll rifjutata, u dan għax dejjem tista' tagħmel tajjeb għal xi danni li jirriżultaw mill-proċeduri kontra l-ilmentatur, jekk dawn iseħħu."*

## <u>**L-Appell**</u>

6. L-ilmentaturi ippreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-7 t'Awwissu, 2025, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

*"... takkolji dan l-appell u tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fit-tmintax ta' Lulju tas-sena kurrenti (18.07.2025), fl-ismijiet premessi, fejn, filwaqt illi tilqa' t-talbiet kollha tal-esponenti, tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellata Mapfre Middlesea p.l.c. fl-intier tagħhom.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellata."*

7. L-ilmentaturi jibbażaw l-appell tagħhom fuq aggravju wieħed, jiġifieri fuq in-nuqqas tal-Arbitru li jeżamina u jiddeċiedi dwar il-qofol tal-mertu ta' din il-vertenza, ossija jekk is-soċjetà intimata kienitx korretta u ġustifikata legalment u kuntrattwalment sabiex tadotta il-pożizzjoni li tirrifjuta kopertura assikurattiva. L-ilmentaturi jgħidu li minflok interpreta l-polza u eżamina l-effetti tal-kopertura, l-Arbitru ddeċieda biss li l-argumenti tagħhom għandhom jiġu indirizzati lill-*broker* ikkonċernat u mhux lill-Fornitur tas-Servizz, għaliex kien il-

*broker* li daħħal lil Kim Briffa d'Agostino fil-polza ma' ħuh mingħajr spjegazzjoni xierqa. L-ilmentaturi jgħidu li għal din ir-raġuni, id-deċiżjoni tal-Arbitru hija manifestement żbaljata ġuridikament. Jgħidu wkoll li din il-Qorti għandha bżonn tagħmel indaġini mistħarrġa kemm tal-provi u kif ukoll tal-liġi u tal-prinċipji applikabbli għalihom, għaliex jeżistu raġunijiet sufficjenti li jiddettaw dan, filwaqt li jsostnu li jekk id-deċiżjoni tal-Arbitru tibqa' mhux mittiefsa, ikun qiegħed jiġi arrekat preġudizzju u inġustizzja fil-konfront tagħhom.

8. Is-soċjetà intimata tgħid li l-aggravju mressaq mill-ilmentaturi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, għalkemm għażlet li tipprevalixxi ruħha mid-dritt ta' appell inċidentali wara l-appell tal-ilmentaturi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qegħdin iressqu l-ilmentaturi, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata u tad-deċiżjoni tal-Arbitru.

*L- Aggravju:* *[In-nuqqas tal-Arbitru li jinvestiga l-kliem tal-polza u jekk is-soċjetà intimata kienitx korretta u ġustifikata meta rrifjutat il-*claim *odjern]*

10. L-ilmentaturi jgħidu li r-rimedju mitlub minnhom huwa dak li - "*[t]o declare that the service provider is obliged to honor the insurance contract between it and the complainants and to honor the claim that was lodged by the complainants under the Policy further to the incident which occurred on the 7th September 2023."* Jgħidu li r-rimedju mfittex minnhom huwa in segwitu għall-

pożizzjoni li ħadet is-soċjetà intimata li m'aċċettatx il-*claim* tagħhom abbażi tal-esklużjoni fil-polza, li tgħid li l-polza ma kienitx tkopri *"liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity".* Jgħidu li s-soċjetà intimata għamlet tentattiv li teskludi l-istess ċirkostanzi li minħabba fihom huma akkwistaw il-kopertura, jiġifieri r-riskju lil terzi fl-ambitu tal-attività kummerċjali tagħhom. Jgħidu li bl-applikazzjoni ta' din l-esklużjoni, il-polza rrendiet ruħha waħda teoretika u bla effett prattiku. Jgħidu li wara r-reġistrazzjoni tal-*claim,* ġiet iffurmata aspettattiva leġittima u ġustifikata li l-pretensjoni tagħhom kienet qiegħda tiġi regolarment ipproċessata b'aċċettazzjoni tal-kopertura assikurattiva. Jgħidu li dan mhux biss għaliex ma ġiet ikkomunikata l-ebda ċaħda bil-miktub, iżda wkoll minħabba l-azzjonijiet u l-komunikazzjonijiet li kienu jikkorrispondu ma' proċess ta' *claim* validament aċċettata. Jgħidu li l-partijiet f'kuntratt ta' assikurazzjoni huma marbuta bil-kundizzjonijiet espressi fil-polza, u li l-kopertura u l-esklużjonijiet huma dawk li jirriżultaw mid-diċitura tal-polza, u mhux minn għażliet potenzjali jew prodotti addizzjonali li l-assikurat seta' jew ma setax jakkwista. Jgħidu li jekk il-polza kif inhi, ma tinkludix klawsola li b'mod ċar teskludi l-attività li saret mill-assikurat, li f'dan il-każ huwa l-fundament tal-kopertura assikurattiva, ma jistax jingħad li m'hemmx kopertura, għaiex il-kopertura setgħet ġiet estiża b'xi prodott ieħor. Jgħidu li l-attività li kienet qiegħda ssir minn Kim Briffa d'Agostino dak il-ħin li seħħ l-inċident, ma kienitx tinkwadra bħala 'attività professjonali' anki *ai termini* tal-*malpractice extension,* iżda kienet attività ta' natura purament manwali u mhux professjonali. Jgħidu fir-rigward tal-estensjoni tal-polza għal '*goods held in the care, custody and care of the Insured, up to a limit of €250,000, any one loss and in the aggregate',* il-pożizzjoni li ħadet s-soċjetà intimata kienet pjuttost konfuża f'dan ir-rigward, u

dan minkejja li din il-klawsola hija waħda pjuttost *standard* f'dawn it-tipi ta' poloz. Jgħidu li jekk l-intimata riedet teskludi każijiet fejn isir xogħol fuq proprjetà waqt li din tkun '*in the care, custody or control*' tal-assikurat, din kienet obbligata li tindika dan b'mod espress. Jgħidu li fin-nuqqas ta' limitazzjoni ċara, il-klawsola għandha tiġi interpretata b'mod wiesgħa favur l-assikurat. L-ilmentaturi jagħmlu riferiment għal dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru fejn dan irrimarka li huwa diżappuntanti li żewġ rappreżentanti tal-Fornitur tas-Servizz taw interpretazzjoni differenti għall-kopertura tal-'*care, custody and control'.* Jgħidu li minflok evalwa dawn l-interpretazzjonijiet differenti min-naħa tal-intimata, l-Arbitru sostna li minkejja dan, l-inċident in kwistjoni xorta waħda ma kienx kopert taħt il-polza tal-assikurazzjoni għaliex din ma tkoprix '*liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity.'* L-ilmentaturi jgħidu li permezz ta' dan ir-raġunament, l-Arbitru jidher li qiegħed jaċċetta l-pożizzjoni tas-soċjetà intimata minkejja li kien wera nuqqas ta' qbil magħha, għaliex skont l-Arbitru, Kim Briffa d'Agostino xorta waħda ma kienx kopert in vista tal-fatt li l-*malpractice extension* ma kinitx ġiet inkluża mal-polza. Jgħidu li għalhekk l-Arbitru evita għal kollox li jindirizza u jippronunzja ruħu dwar dawn l-argumenti mqajjma minnhom, u li kienu ċentrali għall-ilment tagħhom, u dan minkejja li l-Arbitru kien speċifikament mitlub sabiex jevalwa jekk is-soċjetà intimata kienitx korretta u ġustifikata legalment u kuntrattwalment sabiex tadotta l-pożizzjoni li ħadet, li tirrifjuta l-kopertura assikurattiva. Jgħidu li kieku l-Arbitru analizza s-sustanza tal-kopertura li kienet qiegħda tipprovdi l-polza u fhiex kienet tikkonsisti, kien jasal għall-konklużjoni li din tikkostitwixxi *illusionary cover.* L-ilmentaturi jgħidu li jekk l-interpretazzjoni tal-klawsoli tal-polza kienet ser teskludi l-kopertura kollha, jew parti kbira minnha, l-aspettattivi

tagħhom kienu għal kollox megħluba, u li dan huwa xenarju li jmur kompletament kontra l-prinċipju tal-*uberrima fides* li fuqu huwa msejjes il-kunċett tal-assikurazzjoni. Jgħidu li huma ħarġu l-polza speċifikament sabiex ikopru l-attività kummerċjali tagħhom, iżda l-kopertura taħt il-polza kienet prattikament irraġġunġibbli, u li in vista ta' dan, l-Arbitru kien mistenni li jsib li tali klawsoli kienu inapplikabbli. Jgħidu li l-Arbitru naqas ukoll milli jindirizza l-kondotta tas-soċjetà intimata, fosthom iż-żamma ta' komunikazzjoni kontinwa mal-kumpannija assikuratriċi tad-dgħajsa, il-ħatra konġunta tas-*surveyor* Elio Desira, il-progress fl-evalwazzjoni tal-ħsarat imġarrba mit-terz, kif ukoll in-nuqqas ta' ċaħda ċara u espliċita tal-*claim,* li kellhom jitqiesu bħala ekwivalenti għall-aċċettazzjoni taċita tar-responsabbilità taħt il-polza li minnha nnifisha ġġib il-konsegwenzi legali kollha li jirriżultaw minn tali pożizzjoni, inkluż l-obbligu li tindennizza l-pretensjoni mressqa.

11. L-ilmentaturi jgħidu wkoll li minflok ma ndirizza l-vertenza odjerna, l-Arbitru qies li Kim Briffa d'Agostino ma kienx kopert taħt il-polza minħabba li l-'*Public Liability policy fil-fatt teskludi 'liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity',* u li x-xogħol esegwit minnu seta' jitqies bħala attività professjonali. L-ilmentaturi jgħidu li huma ma jaqblux ma' dan ir-raġunament, għaliex fil-fehma tagħhom l-Arbitru ma kellux jiffoka fuq l-eżistenza jew in-nuqqas ta' estensjoni tal-polza tal-assikurazzjoni, iżda fuq jekk l-attività li kienet qiegħda tiġi eżerċitata minn Briffa d'Agostino kienitx *'attività professjonali'* skont l-iskop u l-kontenut tal-kopertura prevista fil-polza. Jgħidu li kienet proprju din l-attività kif deskritta u dikjarata fil-polza tal-assikurazzjoni, li ġiet assigurata, flimkien mar-riskji inerenti għaliha, u fuq il-bażi tagħha ngħatat il-polza assikurattiva. Jgħidu li din hija kontradizzjoni ċara, fejn min-naħa l-

assiguratur aċċetta li jassigura attività li minnha inevitabbilment jinħolqu riskji inerenti, iżda min-naħa l-oħra jargumenta li l-istess polza ma toperax meta dik l-attività tiġi eżerċitata għaliex hija meqjusa bħala attività professjonali, u li din il-kwistjoni baqgħet mhix indirizzata mill-Arbitru. Jgħidu wkoll li r-reputazzjoni ta' Kim Briffa d'Agostino f'xogħlu u l-fatt li huwa rċieva taħriġ f'dan il-qasam, m'għandhom l-ebda rilevanza mal-klassifikazzjoni tan-natura tal-attività professjonali ta' xogħlu, jew jekk l-attività li kien qiegħed jesegwixxi fil-ħin tal-inċident kienitx tinkwadra ruħha fl-esklużjoni ċċitata mis-soċjetà intimata. L-ilmentaturi jgħidu li d-differenza bejn xogħol tekniku bl-idejn u tas-sengħa, u attività professjonali li tinvolvi pariri u valutazzjonijiet tekniċi, hija waħda rikonoxxuta anki fil-qasam tal-assikurazzjoni, u fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom huma għamlu riferiment għal ġurisprudenza Ingliża u għal kittieba magħrufa fil-qasam. Jgħidu li l-Arbitru naqas milli jevalwa tali konsiderazzjonijiet, fejn fid-deċiżjoni appellata qal li anki jekk ċerti ħaddiema mhumiex meqjusa bħala professjonisti b'mod tradizzjonali, l-attività tagħhom xorta tikkwalifika bħala attività professjonali. Jgħidu li l-eżami li s-soltu jsir mill-Qrati Ingliżi sabiex jagħmlu distinzjoni bejn attività professjonali u waħda purament teknika, hija l-ħtieġa li l-ħaddiem jistrieħ fuq il-ġudizzju professjonali u l-fakultajiet mentali tiegħu sabiex iwettaq ix-xogħol tiegħu, b'differenza minn ħaddiem li x-xogħol tiegħu jinvolvi ħidma teknika, tal-id, li ħafna drabi jkun xogħol ripetittiv, jew li jirrikjedi li l-ħaddiem isegwi struzzjonijiet, kif kien il-każ *de quo.* Jgħidu li jekk wieħed japplika din id-definizzjoni għat-tip ta' xogħol li kien qiegħed jiġi eżegwit minn Kim Briffa d'Agostino dakinhar tal-inċident, fejn huwa kien qiegħed japplika *aerosol spray* fuq il-*bow thruster* sabiex inaddaf il-komponenti tiegħu, liema *spray* ġie applikat skont struzzjonijiet tal-manifattur

li kienu indikati fuq il-bott, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li din l-attività ma kienet tirrikjedi ebda grad ta' ħila, ġudizzju jew għarfien speċjalizzat, kif inhu mistenni li jkun hemm li kieku dik l-attività kellha tikklassifika ruħha bħala 'attività professjonali'. Jgħidu li għalhekk fil-konsiderazzjonijiet tiegħu l-Arbitru għamel dan mingħajr ebda ġustifikazzjoni, fejn mexa kontra l-prinċipju tal-*contra proferentem,* jiġifieri li fejn hemm ambigwità fl-interpretazzjoni ta' klawsola f'polza, l-interpretazzjoni għandha tittieħed favur l-assikurat. L-ilmentaturi jgħidu li apparti li huma qegħdin jirreġistraw nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni tal-Arbitru fir-rigward tal-esklużjoni tal-attività professjonali, jibqa' l-fatt li l-gravam prinċipali tagħhom jinbet mill-ommissjoni tal-Arbitru milli jikkunsidra l-aspetti prinċipali li jikkostitwixxu l-ilment tagħhom, u jsostnu illi li kieku dan l-eżerċizzju sar kif mistenni, l-Arbitru kien jiddeċiedi li s-soċjetà intimata ma kienitx ġustifikata fid-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta kopertura assikurattiva. Iżda l-Arbitru minflok ddeċieda li l-kwistjoni ma kellhiex tiġi indirizzata lis-soċjetà intimata, iżda lill-*broker* li daħħal lil Kim Briffa d'Agostino fl-istess polza ta' ħuh.

12. Is-soċjetà intimata tgħid li l-ilmentaturi ma jressqu l-ebda argument jew fattur ġdid fl-appell, ħlief li jerġgħu jiċċitaw dak sottomess minnhom quddiem l-Arbitru, jiġifieri li s-soċjetà intimata kellha tagħti xi tip ta' garanzija ta' kopertura minkejja l-esklużjoni ċara tal-polza viġenti bejn il-partijiet. Tgħid li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex, bħala regola, tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar fl-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, u li l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji kien obbligat jiddeċiedi u jagħti ġudizzju fuq ilment abbażi ta' dak li huwa ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari u l-merti sostantivi tal-każ. Tgħid li l-Arbitru għalhekk għandu mhux biss dritt iżda wkoll obbligu jimxi

abbażi ta' dak li huwa ekwu u raġonevoli fejn dak li huwa ekwu neċessarjament huwa ġust u l-ekwità hija ntiża sabiex issir il-ġustizzja, fis-sens li l-ekwità għandha ssegwi l-liġi u tissupplimentaha fejn din tkun nieqsa. Tgħid li l-Arbitru sema' x-xhieda u kien parteċipi għall-kontro-eżamijiet, u għalhekk kien f'pożizzjoni li jagħmel apprezzament sħiħ u ekwu tal-provi kollha sabiex wasal għall-ġudizzju tiegħu, liema ġudizzju m'għandux għalfejn jiġi ddisturbat. Tgħid li l-punti msemmija mill-ilmentaturi fl-aggravji tagħhom huma kollha punti li ssemmew fl-ilment tagħhom u li ġew ikkontestati minnha u miċħuda mill-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu. Is-soċjetà intimata tgħid li l-argument li l-proċess kien wieħed ta' *claim* li ġiet aċċettata, seta' sar mill-*broker* iżda mhux mill-ilmentaturi li ma kellhom l-ebda komunikazzjoni diretta magħha. Jgħidu li meta jkun hemm *broker intermediated relationship,* l-assikurat huwa meqjus bħala l-klijent tal-*broker,* u s-soċjetà assikurattiva ma tikkomunikax mal-assikurat iżda trid tikkomunika permezz tal-*broker,* u l-polza meta tinħareġ tintbagħat lill-assikurat permezz tal-*broker* flimkien mal-kont relattiv, u l-*premium* jitħallas lill-*broker* u mhux direttament lill-assikurazzjoni. Is-soċjetà intimata żżid tgħid li minbarra dan, l-*insurance broker* ikompli jiżvolġi rwol bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat anki wara l-ħruġ tal-polza, fil-*handling* u l-ħlas tal-*claims* relattivi li jsiru bejn il-*broker* u l-assikurazzjoni, li lanqas tikkomunika direttament mal-assikurat. Tgħid li b'differenza minn kwalunkwe intermedjarju ieħor bħal ma huma l-aġenti u t-*tied insurance intermediaries,* il-*broker* mhux magħżul mill-assikuratur iżda mill-klijent, b'dan illi l-ewwel servizz li joffri *broker* huwa li jfittex l-aħjar polza u l-aħjar prezz sabiex jaqdi l-bżonnijiet tal-klijent tiegħu kif spjegati lilu. Tispjega li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-*broker* iġorr il-piż tal-obbligazzjonijiet kemm bħala intermedjarju liċenzjat u regolat mil-liġi ta' Malta, kif ukoll bħala

fiduċjarju tal-klijent tiegħu kif ipprovdut *ai termini* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid li minkejja li l-partijiet f'kuntratt ta' assikurazzjoni huma marbuta bil-kundizzjonijiet tal-polza, wieħed ma jistax jargumenta li jekk polza ma tinkludix klawsola li b'mod ċar teskludi l-attività li saret mill-assikurat, allura hemm *a contrario sensu* kopertura, jew li l-kopertura ma tistax tiġi estiża b'xi prodott ieħor. Is-soċjetà intimata tgħid li t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-polza partikolari kienu jgħidu b'mod ċar li l-polza kienet maħsuba biex tkopri riskju ta' dannu lejn il-pubbliku, u ċioé lejn terzi, u mhux lejn dak li jkun il-klijent tiegħek, kif ukoll li kull attività marbuta ma' servizz professjonali hija eskluża. Tgħid li l-argument li s-servizzi mogħtija mill-ilmentatur ma kinux professjonali, jew li dan ma kellu bżonn ebda taħriġ biex juża l-*aerosol,* huwa frivolu għaliex kien l-ilmentatur Kim Briffa d'Agostino stess li spjega li huwa kellu l-kwalifiki biex jippresta s-servizzi tiegħu, li ġie mqabbad speċifikament minħabba l-kwalifiki tiegħu, u li fl-opinjoni tiegħu kien jaf x'kellu jsir biex isewwi dak li kien hemm bżonn.

13. B'riferiment għall-estensjoni tal-polza għal '*goods held in the care, custody and control of the insured',* minkejja li s-soċjetà intimata tgħid li din trid tiġi kkunsidrata bħala *endorsement,* u allura hija xi ħaġa li trid tiġi miżjuda mal-polza prinċipali, u trid tiġi nterpretata bħala miżjuda magħha, għandu jingħad li dak li huwa l-aktar importanti huwa dak li ġie spjegat li seħħ qabel l-inċident, jiġifieri fil-mument meta nxtrat il-kopertura, fejn il-prinċipal spjega lill-*broker* li kien qiegħed jitħallas *premium* ridott, u li għalhekk huwa ma kienx kopert '*for any liabilities arising in consequence of his works.'* Kien hawn fejn ġie suġġerit li tinħareġ '*malpractice extension under the PL policy',* imma din ma ġietx

aċċettata. Is-soċjetà intimata tgħid ukoll li f'dan il-każ l-Arbitru ma setax mexa kontra l-prinċipju *contra preferentem,* għaliex ma kienx hemm klawsoli mhux ċari jew ambigwi, iżda l-klawsoli kienu ċari, ġew spjegati mill-prinċipal lill-*broker* qabel inxtrat il-polza, u l-Arbitru bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-interpretazzjoni korretta tal-polza. Tgħid ukoll li hawnhekk lanqas ma japplika l-prinċipju li fejn polza tinħareġ sabiex tkopri xogħol speċifiku, l-interpretazzjoni trid tkun wiesgħa, għaliex hawnhekk wieħed qed jitkellem fuq polza ġenerali ta' *public liability* fejn huwa stipulat b'mod ċar li dak li jsir fl-ambitu tax-xogħol, huwa eskluż sakemm m'hemmx *professional indemnity policy* jew *malpractice cover.* Tgħid li għalhekk il-polza kienet tkopri kwalunkwe ħsara li setgħet ġiet ikkawżata lill-pubbliku jew lil terzi, iżda ma kienitx tkopri l-ħsara li saret fuq l-oġġett li kien qiegħed jissewwa f'ambitu ta' servizz li kien qiegħed isir f'kapaċità professjonali. Tgħid ukoll li fl-assikurazzjoni d-dottrina ta' *illusory cover* ma treġix fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, u żżid tgħid li dan l-argument qatt ma tressaq quddiem l-Arbitru, iżda qiegħed jitqajjem f'dan l-istadju tal-appell. Tgħid li fid-dinja assikurattiva d-dottrina tal-*illusory cover* titqajjem meta l-polza ma tkoprix dak li huwa raġonevolment mistenni li tkopri, għaliex l-esklużjonijiet imniżżla fil-polza tant ikunu vasti u numerużi, li wieħed jispiċċa kważi skopert għal kollox, akkost li jkun ħallas għall-kopertura għal dak ir-riskju. Tgħid li ħafna drabi l-lingwaġġ li jintuża f'polza tal-assikurzzjoni jkun ċar u mhux ambigwu, u għalhekk l-Qrati jiskartaw l-argument tal-*illusory cover,* ladarba l-polza tipprovdi kopertura għall-inqas parzjalment wara li tkun applikata l-esklużjoni. Tgħid li f'dan il-każ wieħed ċertament ma jistax jitkellem fuq *illusory cover* meta l-kopertura tal-polza kienet u baqgħet dejjem ċara skont it-titolu tagħha, u ċioé l-*public liability policy* fejn l-esklużjoni kienet ċara. Tgħid li f'dan il-każ, l-

ilmentatur ħallas *minimum premium* u l-prinċipal spjega lill-*broker* mingħajr tlaqliq li sabiex tinħareġ kopertura aktar estensiva, il-*premium* kellha tiżdied, liema żieda iżda ġiet miċħuda mill-*broker* għan-nom tal-ilmentatur.

14. Il-Qorti tibda billi tirrilleva li filwaqt li fl-introduzzjoni tal-polza, jingħad illi, *'[i]t is hereby being declared and agreed that the indemnity provided by this Policy is deemed to be extended to cover goods held in the care, custody and control of the insured, up to a limit of €250,000, any one loss and in the aggregate",* din il-klawsola ġenerali fiha numru ta' eċċezzjonijiet li tipprovdi għalihom l-istess polza, fosthom il-klawsola 3.0 li tgħid li '*[t]his Policy shall not apply to: Liability in respect of loss or damage to any property belonging to or in the custody, charge or control of the Insured',* u l-klawsola 9.0 li tgħid *"This Policy shall not apply to: Liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity."* Il-Qorti tirrileva li din il-polza nħarġet wara li l-marina fejn kienet qiegħda tinżamm id-dgħajsa in kwistjoni, saħqet li jkun hemm kopertura tal-assikurazzjoni maħruġa minn min ikun qiegħed jagħmel xogħol fil-marina. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li l-ilmentatur Kim Briffa d'Agostino, permezz tal-*broker* li ħadem bih, kien offrut *malpractice extension* għal din il-polza aktar bażika li jirriżulta li kien kopert biha. Iżda Kim Briffa d'Agostino irrifjuta li jħallas il-*premium* relatat ma' din l-estensjoni għall-kopertura bażika, bir-riżultat għalhekk li ma kienx kopert għal xogħol li sar minnu fuq id-dgħajsa. Minn qari tal-polza u minn dak li jirriżulta mill-provi, Kim Briffa d'Agostino kellu jkollu xi forma ta' polza tal-assikurazzjoni biex jagħmel xogħol fil-*marina,* u għalhekk dan għażel li jkollu polza li tkopri l-*public liability,* iżda din bl-ebda mod ma tista' titqies li hija polza li tkopri wkoll il-*professional liability.* Anki jekk kellu jintlaqa' l-argument tal-ilmentatur Kim Briffa d'Agostino, li l-ħsara ġrat waqt li huwa kien

qiegħed isegwi l-istruzzjonijiet miktuba fuq il-bott tal-*ispray* li kien qiegħed juża fil-ħin li seħħet l-isplużjoni, u għalhekk kien qiegħed jagħmel xogħol li ma ħa l-ebda taħriġ speċifiku għalih, u li bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa xogħol 'professjonali' fis-sens litterali tal-kelma, b'daqshekk ma jfissirx li għaliex kien qiegħed jippresta attività teknika, huwa kien kopert permezz tal-polza li kellu maħruġa f'ismu għal *malpractice* jew għal kwalsiasi ħsara li setgħet seħħet. Fil-fatt, il-polza teskludi b'mod ċar kull telf jew ħsara li setgħet tiġi mġarrba minn kull proprjetà fdata fil-kura u fil-kontroll tal-assikurat, b'dan illi wieħed għandu jifhem li l-polza kienet qiegħda tkopri kull ħsara jew dannu li setgħu jsofru terzi minħabba l-attività li kien qiegħed jagħmel Kim Briffa d'Agostino waqt li kien fil-marina. Il-Qorti tqis li hawnhekk l-Arbitru kellu raġun meta rrimarka li f'każ li dan kollu ma kienx iċċarat lill-ilmentatur minn qabel ħareġ il-polza, dan in-nuqqas beda mill-*broker* u mhuwiex xi forma ta' nuqqas li għandha twieġeb għalih is-soċjetà intimata. Għall-Qorti dan lanqas m'huwa każ fejn hemm ambigwità f'xi klawsola tal-polza, u l-ilmentatur kellu jkun jaf x'kienu l-limitazzjonijiet prattiċi li kienet tipprovdilu t-tip ta' kopertura li ffirma għaliha, u x'riskji kien qiegħed jesponi ruħu għalihom meta rrifjuta l-estensjoni għall-kopertura bażika. Il-polza kienet ċara fis-sens li kull nuqqas li jirriżulta minn xogħol, huwa eskluż mill-kopertura sakemm ma jkunx hemm *professional indemnity policy* jew *malpractice cover.* Fil-każ odjern, l-ilmentatur għażel li jkollu biss *public liability cover* u l-ebda kopertura oħra, sabiex b'hekk huwa kien skopert għad-danni li setgħu jirriżultaw waqt ix-xogħol tiegħu, irrispettivament minn jekk dan ix-xogħol huwiex professjoniali, tekniku jew manwali. Din id-distinzjoni ma kienx hemm għalfejn l-Arbitru jidħol fiha, għaliex il-klawsola relattiva hija ċara fis-sens li din teskludi '*any treatment or services rendered in a*

*professional capacity*'. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-argument tal-ilmentatur li din il-polza tammonta biss għal *illusionary cover,* u fil-fatt l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu spjega tajjeb liema huma ċ-ċirkostanzi li huma koperti b'polza ta' dan it-tip, iżda li biex attività marbuta ma' xogħol pprestat minn individwu jkun kopert b'polza, kellha tittieħed kopertura addizzjonali bi ħlas ta' *premium* addizzjonali, imma l-ilmentatur irrifjuta li jagħmel daan. Għaldaqstat il-Qorti tqis li dan l-aggravju mressaq mill-ilmentaturi m'għandux jiġi milqugħ, għaliex id-deċiżjoni tal-Arbitru hija ġusta u korretta.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

15. Is-soċjetà intimata tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-18 ta' Lulju, 2025, in kwantu l-Arbitru naqas għal kollox milli jikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari tagħha. Tgħid li mkien fid-deċiżjoni tal-Arbitru ma ġiet ittrattata jew ma ssemmiet l-eċċezzjoni preliminari mqajjma minnha, li fil-mument li l-ilmentaturi ppreżentaw l-ilment tagħhom, kienu neqsin mill-interess ġuridiku rikjest sabiex iressqu din it-talba *ai termini* tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid li l-ilmentaturi ddikjaraw, kemm fl-ilment kif ukoll fir-rikors tal-appell tagħhom, li t-talba tagħhom tikkonsisti f'talba sabiex jiġi ddikjarat li s-soċjetà intimata għandha taderixxi mal-polza tal-assikurazzjoni viġenti bejniethom, u tgħaddi sabiex tindennizza d-danni mġarrba mit-terz Andrew Spiteri, kif ukoll tal-assikurazzjoni tiegħu GasanMamo. Tgħid li għalhekk id-danni miltuba huma tat-terzi, u li mhux ikkontestat li la Andrew Spiteri u lanqas GasanMamo ma kienu parti mill-ilment oriġinali jew minn dan l-appell, u sal-ġurnata tal-lum la l-ilmentaturi ma batew dannu personalment u lanqas ma nfetħet kawża kontra tagħhom sabiex jiġi stabbilit it-tort tal-inċident fuq id-dgħajsa li forsi ma kienx

tagħhom. Iżżid tgħid li huwa minn ewl id-dinja li wieħed ma jistax jagħmel talba għan-nom ta' terza persuna jew fejn m'għandux interess ġuridiku u personali, u li waqt it-trattament tal-ilment ġie kkonfermat li la Kim Briffa d'Agostino u lanqas Christian Briffa d'Agostino ma batew dannu u wisq anqas ma jista' jiġi kkwantifikat dan id-dannu, u li għalhekk dawn il-proċeduri huma intempestivi u t-talba kif ifformulata ma tistax tintlaqa'. Tgħid li minkejja li huwa minnu li ġiet ippreżentata ittra uffiċjali mis-soċjetà GasanMamo kontra wieħed mill-ilmentaturi, din ma kienitx segwita b'kawża, u lanqas ma kien hemm xi sentenza li tikkundannahom għall-ħlas. Tgħid li lanqas ma jista' jingħad li jekk tinfetaħ xi kawża kontra Kim Briffa d'Agostino, dan bilfors sejjer jitlifha, u għalhekk id-dritt ivvantat fil-konfront tagħha huwa biss wieħed ipotetiku f'dan l-istadju. Tgħid li l-interess sabiex wieħed jiftaħ kawża jrid ikun leġittimu, jew konformi mad-dritt tal-attur u mhux biss interess, u li dan l-interess irid ikun ukoll reali u attwali, u li jiskarutixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' dritt li jappartjeni lill-attur, u għalhekk irid ikun ukoll personali. Tgħid li hawnhekk lanqas ma japplika l-artikolu 1000 tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla ċirkostanzi fejn wieħed jista' wkoll jikkuntratta għall-vantaġġ ta' terza persuna, għaliex kumpannija assikuratriċi ma daħlitx fil-kuntratt bl-iskop li tivvantaġġa lil terzi, imma hija daħlet f'dan il-kuntratt aleatorju mal-assikurati, fejn il-qliegħ jew it-telf jiddependi minn ġrajja li ma tkunx żgura, u mal-ħlas tal-*premium* tal-assikurat tintrabat li tindennizza lill-assikurat fl-eventwalità li dan isofri telf riżultat ta' ġrajja dannuża koperta bl-istess polza tal-assikurazzjoni. In vista ta' dan kollu premess, is-soċjetà intimata titlob lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell inċidentali, tirriforma u tibdel id-deċiżjoni appellata billi tikkonfermaha in kwantu laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimata, filwaqt li tirrevokaha in

kwantu ma kkunsidratx l-eċċezzjoni preliminari, u minflok tiddikjara li fl-istadju li ppreżentaw l-ilment, l-ilmentaturi ma kellhomx l-interess ġuridiku meħtieġ biex jippromwovu din l-azzjoni.

16. L-ilmentaturi jgħidu li l-aggravju mressaq mis-soċjetà intimata fl-appell inċidentali tagħha huwa frivolu u infondat, u għalhekk għandu jiġi respint. Jgħidu li mhux minnu li l-Arbitru ma ħax konjizzjoni tal-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimata, għaliex għandu jirriżulta li dan ħa konjizzjoni tagħha, u saħansitra wasal biex jirriġettaha. Jgħidu li ċ-ċirkostanzi li verament jiġġustifikaw appell *ad omissa decisione* ma jirriżultawx fil-każ odjern, għaliex l-Arbitru ppronunzja ruħhu dwar l-eċċezzjoni tagħhom u ċaħadha, u b'hekk il-kwistjoni ġiet definittivament eżawrita. L-ilmentaturi jgħidu li n-nuqqas ta' qbil tas-soċjetà intimata ma' dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru, ma tistax tikkonverti dik il-pronunzja f'omissjoni min-naħa tal-Arbitru. Jgħidu li n-natura tal-azzjoni tagħhom hija waħda dikjaratorja, jew talba li permezz tagħha huma fittxew rimedju ġudizzjarju mingħand il-Qorti jew l-Arbitru, sabiex jitolbu rikonoxximent ġudizzjarju tad-drittijiet li huma jippretendu li għandhom, u talbiet relatati biex il-parti l-oħra ma tfixkilhomx fit-tgawdija ta' dawk id-drittijiet. L-ilmentaturi jgħidu li l-azzjoni tagħhom hija ntiża sabiex tinkiseb konferma ġuridika ċara u formali dwar l-eżistenza u l-inforzabbilità tal-obbligi kuntrattwali tal-assikuratur taħt il-polza *de quo*, jiġifieri huma qegħdin jitolbu għal dikjarazzjoni li s-soċjetà intimata hija marbuta kuntrattwalment li tilqa' u tipproċessa t-talba għall-indennizz ippreżentata minnhom taħt il-polza tal-assikurazzjoni, li huma jikkontendu li kienet tkopri ċ-ċirkostanzi fid-data meta seħħ l-inċident in kwistjoni. Jgħidu li huwa l-assikurat, li jħallas il-*premium* u li fuqu jistrieħ il-kuntratt tal-assikurazzjoni, li għandu interess dirett, personali u

attwali, li jiġi determinat jekk il-polza li jkun ħallas għaliha tkunx effettiva jew le, u jekk l-assikuratur għandux jassumi l-obbligi tiegħu taħt il-polza. Jgħidu li ma jistax ikun hemm min għandu interess akbar jew aktar leġittimu mill-parti li tħossha mċaħħda minn dan id-dritt, u li titlob deċiżjoni dwar il-portata tal-obbligu assikurattiv. Jgħidu wkoll li l-azzjoni mibdija minnhom bl-ebda mod ma saret għan-nom ta' terza persuna kif tgħid l-intimata fl-appell inċidentali tagħha, iżda saret f'isem l-ilmentaturi stess abbażi tar-relazzjoni diretta, kuntrattwali u obbligatorja li kienet teżisti mas-soċjetà intimata fil-mument meta seħħ l-inċident li ta lok għad-danni lit-terzi. F'każ li jiġi stabbilit li hemm lok għal indennizz, dan ikun effettwat favur it-terzi affettwati, a tenur tal-polza li l-ilmentaturi akkwistaw sabiex jiġu protetti miċ-ċirkostanzi li seħħew.

17. Il-Qorti tirrileva li r-risposta ppreżentata mis-soċjetà intimata quddiem l-Arbitru, ma tinkludix b'mod espress eċċezzjoni preliminari li tgħid li l-ilmentaturi m'għandhomx l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovu din l-azzjoni, iżda tgħid, '*without prejudice to the aforementioned, given that the Complainants have not sustained any pecuniary losses and GasanMamo and Andrew Spteri are not a party to this Complaint, no putative indemnification can be sought through these proceedings on their behalf.'* Id-deċiżjoni tal-Arbitru b'riferiment għal din l-eċċezzjoni tgħid illi, *'mill-banda l-oħra, l-argument tal-Fornitur tas-Servizz li ma tistax toffri s-soluzzjoni mitluba, dejjem jekk il-każ jinqata' kontriha, għax il-proprjetarju tal-cabin cruiser u l-assikuratur tiegħu mhumiex parti mill-proċeduri odjerni, hija wkoll rifjutata, u dan għax dejjem tista' tagħmel tajjeb għal xi danni li jirriżultaw mill-proċeduri kontra l-ilmentatur, jekk dawn iseħħu.'*

18. Għaldaqstant mhux minnha l-asserzjoni tas-soċjetà intimata li l-Arbitru ma ħa l-ebda konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni tagħha, għaliex fil-fatt l-Arbitru ta deċiżjoni fejn caħad din l-eċċezzjoni. Il-Qorti irrileva wkoll li l-ilmentaturi ressqu dawn il-proċeduri f'ismhom, bħala l-assikurati tas-soċjetà intimata, sabiex jivverifikaw jekk il-jeddijiet li huma kellhom bis-saħħa ta' dik il-polza kinux qegħdin jiġu onorati mis-soċjetà intimata li ħarġet il-polza. It-talbiet tal-ilmentaturi ma sarux f'isem it-terz, u din l-azzjoni saret minn persuna li ħarġu l-polza tal-assikurazzjoni u li kien mingħalihom li kellhom kopertura għal ċerti ċirkostanzi, u għalhekk fetħu l-proċeduri odjerni sabiex jinfurzaw l-jeddijiet li mingħalihom li kellhom. Għaldaqstant anki hawnhekk l-Arbitru kien korrett fl-osservazzjonijiet li għamel dwar dawn l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll l-aggravju li ġie mressaq fl-appell inċidentali tas-soċjetà intimata għaliex mhuwiex fondat.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell prinċipali tal-ilmentaturi billi tiċħdu, filwaqt li tiċħad ukoll l-appell inċidentali tas-soċjetà intimata, b'dan illi tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-18 ta' Lulju, 2025, fl-ismijiet premessi, fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mill-ilmentaturi, filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Christian Sammut**
**Deputat Reġistratur**